MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 117/2007

**A B**
**mart C D minnu legalment separata**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) fir-Registru taz-Zwieg, Valletta skond ma jirrizulta mic-certifikat li qed jigi anness u markat bhala Dokument A. Illi fil-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn (2000) il-kontendenti zzewgu fil-Knisja tal-Kapuccini, Floriana.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel li jismu E u li llum ghandu tmien (8) snin.

3. Illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-atti tan-Nutar Marco Burlo' datat erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (2005).

4. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

5. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat ukoll peress li nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

6. Illi l-kunsens tal-konvenut kien ukoll vizzjat b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

7. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) li jirregola z-zwigijiet.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Novembru 1998 huwa null u bla effett ghar-ragunijiet fuq premessi u skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Att XXXVII tal-1975 (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta) li jirregola z-zwigijiet.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa illi huwa ma jopponix ghat-talba tar-rikorrenti ghall-annullament taz-zwieg, biss pero' ghal ragunijiet imputabbli lill-istess rikorrenti u mhux tal-intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg civili taghha kuntrattat mal-konvenut fl-24 ta' Novembru 1998 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' l-ewwel parti tal-paragrafu [d], u fit-termini tal-paragrafu [f], u dak tal-konvenut fit-termini tat-tieni parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi n-nullita' taz-zwieg ghar-ragunijiet imputabbli biss lir-rikorrenti.

**Kwadru tal-fatti**

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Novembru 1998 meta allura l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 21 sena u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin ghal perijodu ta' sena circa. Dak iz-zmien l-attrici kellha tmien xhur tqala; u fl-1 ta' Jannar 1999 twieldet it-tarbija. Wara konvivenza matrimonjali ta' erba' snin l-attrici telqet, bit-tarbija, mid-dar konjugali. Fil-prezent il-konvenut ghandu relazzjoni stabbli ma' mara ohra, li minnha ghandhu tarbija ta' circa 4 snin.

Illi l-attrici tghid li hija kienet izzewget minhabba t-tqala, ghax "hsibt li b' dak il-mod ser nirranga s-sitwazzjoni."[1] Hija tghid li kienet saret taf, li kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, il-konvenut kellu problema tad-droga u kien dipendenti fuqha. Kien jabbuza mill-haxixa kuljum, u jekk ma jiehux, kien ikun aggressiv. Dan il-vizzju tal-konvenut kellu effett qawwi fuq il-finanzi tal-koppja; kif ukoll fuq ir-relazzjoni ta' bejniethom, tant li ftit wara z-zwieg l-attrici kienet tevita lill-konvenut "hafna"[2] sabiex ma jkollhom tfal izjed. Hija pprovat tissaporti sabiex issalva z-zwieg fl-

[1] Fol.24
[2] Fol.35

interess uniku tat-tarbija, izda minghajr success, u wara konvivenza ta' erba' snin telqet mid-dar konjugali, wkoll ghax ma riditx tibqa' trabbi lit-tifel f' dak l-ambjent.

Illi minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jichad li hu qatt kien vjolenti jew aggressiv fil-konfront ta' martu, jammetti li sa minn erba' snin qabel iz-zwieg huwa kien diga' mdahhal sew fil-vizzju tad-droga, u kien heba' dan il-fatt mill-attrici li kienet saret taf bil-problema tieghu wara z-zwieg meta bdew jikkonvivu flimkien. Huwa jghid li "dak iz-zmien kont mohhi mhawwad."[3] u ma jiftakarx kif saret id-decizjoni sabiex jizzewgu, wara li l-attrici kienet skopriet li kienet tqila minnu. Jghid: "ma niftakarx. Mohhi kont influwenzat bid-drogi … ma kontx mohhi sew, ma kontx fi stat li forsi nirraguna …"[4] Jghid pero' li kienet saret pressjoni fuqu sabiex jiehu dan il-pass, u huwa kien ceda.

Il-konvenut jispjega li r-raguni principali ghat-tkissir tar-relazzjoni matrimonjali ta' bejniethom kienet "il-problema tieghi tad-droga."[5] Minhabba f' hekk il-konvivenza matrimonjali kienet karatterizzata b' tensjoni kontinwa bejniethom, u minhabba l-istat tieghu, l-attrici ma kinitx tkun trid tersaq lejh. Huwa jammetti li l-attrici kienet ssaportiet hafna biex tipprova ssalva z-zwieg, izda "bir-ragun [l-attrici] ma riditx li t-tifel jitrabba f' dak l-ambjent."[6]

**Konsiderazzjonijet tal-Qorti**

Illi mill-provi jirrizulta manifest li l-partijiet kienu zzewgu unikament minhabba t-tqala ta' l-attrici wara li kienu ilhom johorgu flimkien ftit xhur.

Inoltre, fiz-zmien ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, il-konvenut kien dipendenti fuq id-droga, kif ammess minnu; liema fatt isib konfort fil-kontenut tal-fedina penali tieghu. Huwa kien heba dan il-fatt mill-attrici li saret taf bih wara z-zwieg. Jirrizulta li din il-problema li kellu l-konvenut kienet ta' ostakolu serju u ta' tfixkil ghall-hajja konjugali taghhom, b' mod li fl-istat mentali ta' dak iz-

[3] Fol.62
[4] Fol.63
[5] Fol.62
[6] Fol.65

zmien, il-konvenut ma kienx kapaci jerfa' r-responsabbilitajiet tal-hajja mizzewga.

Ferm il-premess, il-Qorti tirraviza f' dan il-kaz il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront tal-konvenut;  u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-24 ta' Novembru 1998.  L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------